# MALTA

**ATT Nru. X ta' l-2006**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jipprovdi għal miżuri konnessi ma' u anċillari għall-adozzjoni ta' l-euro bħala l-valuta legali ta' Malta.**

**ACT No. X of 2006**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to provide for measures connected with and ancillary to the adoption of the euro as the currency unit of Malta.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

25 ta' Lulju, 2006

## ATT Nru. X ta' l-2006

*ATT biex jipprovdi għal miżuri konnessi ma' u anċillari għall-adozzjoni ta' l-euro bħala l-valuta legali ta' Malta*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

## TAQSIMA I

## Preliminari

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Att hu Att ta' l-2006 dwar l-Adozzjoni ta' l-Euro. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:– Tifsir.

"Awtorità" jew "Awtoritajiet" tfisser kull dipartiment tal-gvern jew entità, kull uffiċjal pubbliku jew impjegat fi ħdan kull dipartiment tal-gvern jew entità jew korp imwaqqaf bil-liġi li l-Ministru jista jaħtar minn żmien għal żmien għal xi għan wieħed jew aktar ta' dan l-Att;

"euro" tfisser il-munita ta' l-Unjoni Ewropea kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 fuq l-introduzzjoni ta' l-euro;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

"ordnat" tfisser ordnat b'ordni jew b'regolamenti maħruġin taħt dan l-Att;

"regolamenti" tinkludi ordni magħmula taħt dan l-Att;

"Statut" tfisser il-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema ta' Banek Ċentrali Ewropea u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħti lilha bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

## TAQSIMA II

## Poteri tal-Ministru

Poteri li jagħmel regolamenti.

**3.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex iħaffef l-adozzjoni ta' l-euro u ġeneralment bil-għan biex tidħol fis-seħħ kull disposizzjoni ta' dan l-Att u tat-Trattat u l-Istatut dwar l-adozzjoni ta' l-euro, u b'mod partikolari, imma bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, il-Ministru jista jagħmel regolamenti:

(i) biex jordna perjodu jew perjodi fejn ikun meħtieġ bil-liġi li jintwerew prezzijiet kemm bl-euro kemm bil-lira Maltija;

(ii) biex jirregola l-wiri ta' prezzijiet, u l-konverżjoni ta' ammonti li jidhru fuq fatturi, riċevuti, rendikonti u dokumenti oħra simili, bl-euro f'kull żmien meta l-euro jkun għadu ma sarx il-munita ta' Malta;

(iii) biex jillimita jew jipprojbixxi kull impożizzjoni ta' ħlasijiet għall-konverżjoni tal-lira Maltija fl-euro;

(iv) biex jipprovdi għall-konverżjoni fl-euro ta' ishma u titoli ta' ekwità f'kumpaniji u f'persuni legali oħra;

(v) biex jipprovdi għal proċeduri amministrattivi, penalitajiet u, jew multi, inklużi multi għal kull ġurnata li fiha n-nuqqas jew omissjoni tkompli, f'każ ta' ksur tad-disposizzjonijiet jew regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u biex jinnomina l-Awtorità jew Awtoritajiet li jkunu entitolati li jmexxu l-imsemmija proċeduri u li jimponu l-imsemmija penalitajiet jew multi:

Iżda meta jigu ordnati penalitajiet amministrattivi u, jew multi f'kull regolament maħruġ taħt dan l-Att, il-Ministru:

(a) għandu f'kull każ jipprovdi biex id-dritt għas-smiegħ jiġi rispettat qabel ma tiġi imposta xi penali u, jew multa amministrattiva;

(b) m'għandux jordna xi multa amministrativa li tkun anqas minn tliet mitt lira jew li teċċedi l-elf u ħames mitt lira għal infrazzjoni amministrattiva li tista' tiġi ordnata u piena amministrattiva ta' mhux anqas minn ħamsa u tletin lira u li ma tkunx teċċedi l-mitejn lira għal kull ġurnata li dik l-infrazzjoni amministrattiva tkompli wara li jkun ingħata avviż ta' dik l-infrazzjoni lill-persuna akkużata jew misjuba ħatja li tkun għamlet dik l-infrazzjoni, skond ma jistgħu jordnaw dawk ir-regolamenti;

(ċ) m'għandux jipprovdi għas-sospensjoni ta' xi liċenza tal-kummerċ jew liċenza oħra għal perjodu ta' iktar minn ħmistax-il ġurnata bħala penali amministrattiva;

(d) għandu f'kull każ, u mingħajr pregudizzju għad-dritt li l-Ministru għandu li jerga' jikkunsidra l-imposizzjoni ta' penali jew multa amministrattiva, jagħti d-dritt għal appell mid-deċiżjoni li tigi imposta penali amministrattiva u, jew multa quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kif kostitwita taħt l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bla ħsara għall-proċeduri u d-drittijiet li l-Ministru jista' jordna;

(e) jista' jipprovdi għall-infurzar ta' kull penali amministrattiva u, jew multa matul l-appell bla ħsara għall-poteri tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li tissospendi jew tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan l-infurzar;

(f) jista' jipprovdi li multa amministrattiva imposta skond regolamenti magħmulin taħt dan l-Att għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għal kull effett u skop ta' xi ligi;

(ġ) jista' jipprovdi għal poteri ta' perkwiżizzjoni u dħul f'xi fond, għal poteri biex jitlob informazzjoni u għal obbligi li tingħata l-informazzjoni mitluba u għall-imposizzjoni, fejn iħoss li jkun adatt, ta' obligazzjonijiet ta' kunfidenzjalità dwar l-informazzjoni miġbura;

(ħ) jista' jipprovdi dwar il-ħrug ta' ordnijiet bil-għan li jiżgura konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti maħruġin taħtu;

(i) jista' jipprovdi għal perjodi ta' preskrizzjoni dwar reati amministrattivi kontra dan l-Att jew regolamenti maħruġin taħtu li ma jkunux ta' iktar minn sentejn;

(vi) biex jħares kull regolament, direttiva, deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew att ieħor jew direzzjoni oħra ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-munita euro;

(vii) biex jimplimenta kull obbligazzjoni internazzjonali ta' Malta jew kull obbligazzjoni internazzjonali li Malta jkollha l-intenzjoni li tadotta dwar il-munita euro;

(viii) biex jipprovdi fuq kull ħaġa relatata ma' l-implimentazzjoni, r-regolazzjoni u s-sorveljanza tal-adozzjoni ta' l-euro.

Poteri li jemenda liġijiet.

**4.** (1) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropeja, l-Prim Ministru jista', bil-għan li jiżgura li kull liġi oħra tkun tirrifletti l-adozzjoni ta' l-euro bħala l-munita ta' Malta u li l-obbligazzjonijiet tat-Trattat u dawk internazzjonali ta' Malta relatati ma', jew ħerġin mill-adozzjoni ta' l-euro bħala l-munita ta' Malta jiġu implimentati, jordna permezz ta' ordni li tiġi emendata kull liġi oħra għal dak l-għan u li dik l-emenda ikollha effett minnufih bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni li għandu jkun japplika għal kull ordni bħal dik.

(2) Ordnijiet li jsiru dwar l-emenda ta' liġijiet primarji u leġislazzjoni sussidjarja għall-konverżjoni ta' ammonti monetarji minn lira Maltija għall-euro jistgħu jsiru bl-ilsien Malti biss, jew bl-Ingliż biss meta xi leġislazzjoni bħal dik jew skeda tagħha tkun pubblikata bl-ilsien Ingliż biss.

(3) F'dan l-artikolu l-frażi "ammonti monetarji" tinkludi ammont speċifikat f'ċifri, kliem jew simboli jew f'kombinazzjoni ta' ċifri, kliem u simboli, huma kif inhuma espressi fl-ordni li jemenda ukoll jekk dawn jidhru b'mod differenti minn kif jidhru fil-leġislazzjoni primarja jew dik sussidjarja.

(4) Meta tkun qegħda ssir konverzjoni ta' xi ammont monetarju u jkun hemm xi varjazzjonijiet grammatikali ta' kliem korrispondenti li jkunu jfissru s-singular, il-plural, il-maskil jew il-femminil, dawk il-kliem jistgħu wkoll jiġu mibdula, jekk dan ikollu jsir minħabba s-sens u minkejja li ma jingħad xejn fl-ordni li jemenda, sabiex jiġu interpretati bħala l-plural, is-singular, il-femminil jew il-maskil rispettivament kemm fl-ordni pubblikat f'xi lsien wieħed jew fiż-żewġ ilsna, kemm fil-liġijiet jew regolamenti, jekk ikun hemm, fil-verżjoni fl-ilsien l-ieħor li ma jkunx dak li jkun ġie pubblikat.

Delegazzjoni ta' Awtorità.

**5.** Il-Ministru jista' jaħtar lil xi Awtorità waħda jew aktar Awtoritajiet f'Malta biex jiżguraw konformità ma' dan l-Att u, jew jinvestiga xi ksur ta' dan l-Att u jistgħu jiġu hekk imsemmija awtoritajiet differenti għal għanijiet jew oqsma ta' applikazzjoni differenti ta' dan l-Att.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 421 tad-19 ta' Lulju, 2006.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*